

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-4 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-84/07) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 92/51/KEE — Rikonoxximent ta' diplomi — Studji mwettqa f' "Ċentru ta' studji Liberi" li mhuwiex rikonoxxut bħala stabbiliment ta' taġġim mill-Istat Membru ospitanti — Ottiku)

(2009/C 19/02)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Zavvos u H. Støvlbæk, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E. Skandalou, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 3, 4(1)(b) u 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimentata d-Direttiva 89/48/KEE (ĠU L 209, p. 25).

Dispożittiv

1) Ir-Repubblika Ellenika,

- billi naqqset milli taġġraf id-diplomi ta' ottiku mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti Taljani wara li taħriġ mogħti fil-kuntest ta' ftehim skont liema taħriġ mogħti fil-Greċja minn entità privata huwa rikonoxxut minn dawn l-awtoritajiet;
- billi tissuġġetta l-eżami tal-applikazzjoni għal rikonoxximent ta' diplomi Taljani ta' ottiku għall-ikkomunikar, mingħand l-awtoritajiet Taljani, tar-risposta għal ħames domandi li l-awtoritajiet Elleniċi indirizzawhom preċedentement, u
- billi ma ħallietx l-għażla bejn perijodu ta' adattament u li jittieħed test għall-kapaċità lill-applikanti li ressuq applikazz-

jonijiet għal rikonoxximent ta' diplomi Taljani ta' ottiku qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi 2916/2001 dwar l-istruttura tal-edukazzjoni universitarja jew simili u għall-irregolar ta' kwistjonijiet dwar is-settur teknoloġiku ta' dan it-taġġim,

naqqset mill-obbligi taġġha skont l-Artikolu 3, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 4(1)(b) u l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimentata d-Direttiva 89/48/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2001.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 95, 28.4.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-4 ta' Diċembru 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Symvoulio tis Epikrateias — Il-Greċja) — Theologos-Grigorios Chatzithanasis vs Ypourgos Ygeias kai Koinonikis Allilengyis, OEEK (Organismos Epangelmatikis Ekpaidefsis kai Katartisis)

(Kawża C-151/07) ⁽¹⁾

(Direttiva 92/51/KEE — Rikonoxximent ta' diplomi — Studji mwettqa f' "Ċentru ta' studji Liberi" li mhuwiex rikonoxxut bħala stabbiliment ta' taġġim mill-Istat Membru ospitanti — Ottiku)

(2009/C 19/03)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias